# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 74**

**Ċitazzjoni numru 280/2002/3 AF**

**Carmel *sive* Carlo Schembri, eserċenti f'isem id-ditta *Design Source International***

**v.**

**Mario Hammett**

**Il-Qorti:**

1. Rat l-att taċ-ċitazzjoni li ressaq l-attur fil-11 ta' Marzu, 2002, u li taqra hekk:

> "Premess illi permezz ta' skrittura privata li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. CS1, il-konvenut ikkonceda kuntratt ta' appalt lill-attur konsistenti fl-ghoti ta' servizzi ta' *interior design* u *consultancy* fil-fond Stelle Alpine Boutique gewwa l-Baystreet Hotel Complex, St George's Bay, versu hlas minimu stipulat ta' elfejn lira

Maltin (Lm2,000), li flimkien mat-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) relattiva jammonta ghal elfejn u tliet mitt lira Maltin (Lm2,300);

Premess illi l-appalt gie esegwit u kompletat u li inoltre l-attur fuq inkariku tal-konvenut ghamel spejjez fl-ammont ta’ mitejn hamsa u tletin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm235.29) kif dettaljati fil-prospett anness bhala Dok CS2;

Premess illi l-konvenut ghamel hlas akkont ta’ disa’ mija tnejn u sittin lira Maltin (Lm962.00), izda interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-bilanc rimanenti dovut ta’ elf hames mija tlieta u sebghin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm1573.29) baqa’ inadempjenti;

Premess ukoll illi permezz ta’ skrittura privata datata 27 ta’ Mejju 2000 li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. CS3, il-konvenut ikkonceda kuntratt ta’ appalt lill-attur konsistenti fl-ghoti ta’ servizzji ta’ *interior design* u *consultancy* fil-fond li wkoll igib l-isem *Stelle Alpine Boutique,* gia *Royalton Restaurant*, The Strand, Sliema versu hlas minimu ta’ elfejn tmien mitt lira Maltin (Lm2,800) li flimkien mat-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) relattiva jammonta ghal tlett elef mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm3,220) jew versu somma ekwivalenti ghal hamsa fil-mija (5%) tal-valur globali tax-xoghlijiet ta’ dekorazzjoni nterna li kellhom isiru fil-fond imsemmi flimkien mat-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) relattiva, skond liema somma tkun l-oghla;

Premess illi l-konvenut ittermina unilateralment tali appalt minghajr raguni valida fil-ligi, wara li l-attur kien ipprezenta d-dizinnji tieghu, biex wara tali terminazzjoni x-xoghlijiet tkomplew klandestinament u bil-mohbi ta’ l-attur fuq l-istess dizinnji li kienu gew prezentati mill-attur u skond il-pariri ta’ l-attur;

Peress illi ghalhekk jispetta lil dina l-Onorabbli Qorti ai termini ta’ l-artikolu 1640(2) Kap. 16 li tiddetermina kemm ghandu jithallas l-attur tax-xoghol li ghamel flimkien ma’ somma li tigi meqjusa mill-Qorti li ma tkunx izjed mill-qliegh li l-attur seta’ jaghmel bl-appalt *de quo*;

Premess illi finalment illi l-konvenut kien ghamel hlas akkont ta’ mitejn u tletin lira Maltin (Lm230.00);

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex mghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neessarja u opportune:

1. Tiddikjara l-konvenut debitur fil-konfront ta’ l-attur fis-somama ta’ elf hames mija tlieta u sebghin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm1573.29) rapprezentanti l-bilanc rimamenti dovut in konsegwenza ghall-esekuzzjoni ta’ l-appalt koncess permezz ta’ l-iskrittura privata li kopja taghha hija esebita bhala Dok. CS1;

2. Tiddikjara li l-konvenut ittermina minghajr raguni valida fil-ligi l-appalt koncess permezz ta' l-iskrittura privata datata 27 ta' Mejju, 2000 li kopja hija esebita bhala Dok. CS3;

3. Tillikwida kemm ghandu jithallas l-attur tax-xoghol li ghamel kif ukoll tillikwida l-*lucrum cessans* li sofra l-attur in konsegwenza ta' tali terminazzjoni ingustifikata;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas dikjarati u likwidati in konsegwenza tat-talbiet precedent.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Marzu 2000 bl-imghax, bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn issa in subizzjoni, u bir-rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-ligi."

2. Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li in forza tagħha eċċepixxa:

"(1) Illi preliminarjament id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante l-inkompetenza 'rationae valoris' ta' din il-Qorti li 'ictu oculi' l-attur qed jitlob pagament bilancjali ta' Lm1573.29c kif ukoll somma ohra ta' Lm3220 liema somma globalment ma teccedix il-Lm5000.

(2) Illi bla pregudizzju ghal premess u fil-mertu illi l-kuntratt bejn il-partijiet gie esegwit in konnessjoni max-xogholijiet ta' Bay Street pero` il-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma bilancjali ta' Lm1251.00 stante illi huwa hallas akkont Lm1284 u mhux kif pretiz mill-attu Lm962.

(3) Illi inoltre qatt ma dahlu f'appalt in konnessjoni max-xogholijiet li kellhom isiru f'The Strand, tas-Sliema peress illi l-konvenut ma kienx kuntent bix-xogholijiet kif esegwiti f'Bay Street, San Giljan pero effettivament f'tas-Sliema dawn ix-xogholijiet qatt ma gew esegwiti la mill-attur u l-anqas minn haddiehor u ghalhekk l-ebda hlas mhu dovut lill-attur.

(4) Salv eccezzjonijiet ohra."

3. Rat is-sentenza li tat il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Frar, 2017, li in forza tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

"1. B'riferenza għall-kuntratt t'appalt li jirrigwarda l-istabbiliment bl-isem ta' Stelle Alpine Boutique li kien jinsab f'Baystreet Complex,

tiddikjara lill-konvenut debitur tal-attur fl-ammont ta' elfejn tmien mija u tlieta u ħamsin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€2853.11);

2. B'riferenza għall-kuntratt t'appalt li jirrigwarda l-istabbiliment bl-isem ta' Stelle Alpine Boutique li kien jinsab f'Tas-Sliema, tiddikjara li l-konvenut ittermina l-kuntratt t'appalt mingħajr raġuni valida fil-liġi u għaldaqstant, tillikwida l-ammont ta' ħamest elef disgħa mija u sitta u tmenin ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€5986.49) li għandhom jitħallsu mill-konvenut lill-attur in linea ta' danni.

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma komplessiva ta' tmint elef tmien mija u disgħa u tletin ewro u sittin ċenteżmu (€8839.60) bl-imgħax mid-data tas-sentenza."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni l-attur qiegħed jitlob likwidazzjoni u ħlas ta' xogħol imwettaq b'appalt li għalih baqa' ma tħallasx kif ukoll danni ai termini tal-artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili.

L-attur jgħid illi l-konvenut kien inkarigah biex jagħmel xogħol ta' *interior design* f'żewġ stabbilimenti kummerċjali ġestiti mill-konvenut bl-isem ta' Stelle Alpine Boutique iżda li l-konvenut ma ħallasx għax-xogħol kollu li għamel l-attur f'wieħed minn dawn l-istabbilimenti kif ukoll illi temm unilateralment il-kuntratt t'appalt li kien jirrigwarda l-istabbiliment l-ieħor.

Il-konvenut laqa' għat-talbiet attriċi billi preliminarjament eċċepixxa l-inkompetenza ta' din il-Qorti *rationae valoris*, liema eċċezzjoni ġiet miċħuda permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta datata 14 ta' Novembru 2002. Huwa eċċepixxa wkoll illi fir-rigward tal-ewwel appalt huwa dovut ammont inqas minn kemm qiegħed jippretendi l-attur kif ukoll illi fir-rigward tat-tieni appalt ma kien intlaħaq l-ebda ftehim bejn il-partijiet u fi kwalunkwe każ ma kien sar l-ebda xogħol mill-attur għaliex il-konvenut ma kienx kuntent bix-xogħol li eżegwixxa l-attur fl-ewwel istabbiliment u għaldaqstant, li t-talbiet tal-attur fir-rigward ta' dan it-tieni appalt huma infondati.

Mill-provi prodotti jirriżulta illi permezz ta' żewġ kuntratti t'appalt konsistenti fl-għoti ta' servizz ta' *interior design and consultancy*, il-konvenut inkariga lill-attur għas-servizzi msemmija fir-rigward ta' żewġ stabbilimenti ta' negozju ġestiti mill-konvenut bl-isem ta' Stelle Alpine Boutique. Wieħed minn dawn l-istabbilimenti kien jinsab ġewwa l-kumpless ta' Baystreet f'San Ġiljan filwaqt illi l-ieħor kien jinsab tas-Sliema.

Fl-iskrittura li tirrigwarda l-istabbiliment li kien jinsab tas-Sliema, fil-kuntratt t'appalt ġie miftihem illi s-servizzi tal-attur kellhom jinkludu '*space planning, design development and technical details for suppliers, illustrations, material selection and quotations.*' Bħala ħlas, ġie miftihem illi l-konvenut kellu jħallas lill-attur 5% jew il-prezz ta' Lm2,800, eskluża t-taxxa fuq il-valur miżjud, skont liema jkun l-għola. Skont il-kuntratt li jirrigwarda l-istabbiliment ġewwa Baystreet, l-attur ġie inkarigat sabiex jipprovdi l-istess servizzi, filwaqt illi f'dan il-każ ġie miftihem illi l-ħlas kellu jkun 5% tal-valur tax-xogħol li kellu jiddisinja, jippjana u jissorvelja l-attur jew LM2000, eskluża t-taxxa fuq il-valur miżjud, skont liem ikun l-għola. Minkejja li l-kuntratt t'appalt tal-istabbiliment ġewwa Baystreet m'huwiex datat, il-konvenut jikkonferma li ż-żewġ skritturi ġew iffirmati fl-24 ta' Mejju 2000.

L-attur jispjega li huwa kien laħaq għamel il-preparamenti kollha neċessarji sabiex ikun jista' jibda x-xogħol fuq l-istabbiliment ġewwa tas-Sliema, iżda li qabel ma bdew ix-xogħlijiet fuq dan l-istabbiliment, il-partijiet ftehmu li għandhom jibdew u jitlestew ix-xogħlijiet ġewwa l-istabbiliment ta' Baystreet peress illi l-konvenut kien marbut biż-żmien. Dawn ix-xogħlijiet fl-istabbiliment ta' Baystreet tlestew iżda l-attur jgħid illi għad jonqos bilanċ x'jitħallas mill-konvenut għas-servizzi tiegħu kif ukoll l-ammont ta' LM235.29 rappreżentanti xogħol li l-attur ħallas għalih direttament lill-ħaddiema. Għas-servizzi tiegħu skont il-kuntratt t'appalt, l-attur qiegħed jippretendi li jitħallas il-*basic fee* ta' Lm2300 kif ukoll it-taxxa fuq il-valur miżjud fuq dan l-ammont, u dan wara li jitnaqqas id-depożitu ta' LM962 li ħallas il-konvenut fuq il-kuntratt t'appalt li kien jirrigwarda dan l-istabbiliment.

L-attur jgħid illi huwa pprova jikkomunika mal-attur sabiex jara meta ser jibda xogħol fuq l-istabbiliment ġewwa tas-Sliema u sabiex jitħallas il-bilanċ li kien għadu dovut lilu fuq l-istabbiliment ta' Baystreet iżda ma rċieva l-ebda risposta mingħand il-konvenut. Huwa jżid jgħid illi sar jaf illi x-xogħol fuq il-ħanut l-ieħor tlesta u li dan ix-xogħol sar fuq l-istess stil li kien iddisinja hu għall-ħanut ta' Baystreet. Fir-rigward tal-istabbiliment ġewwa tas-Sliema huwa jgħid illi qiegħed jippretendi li jitħallas il-*basic fee* miftehma fil-kuntratt t'appalt u ċioè 5% tal-valur tax-xogħol li sar mill-konvenut fuq dan l-istabbiliment jew LM2800, skont liem ikun l-għola, kif ukoll it-taxxa fuq il-valur miżjud fuq dan il-prezz, u dan wara li jitnaqqas id-depożitu ta' Lm230 li l-konvenut ħallas fuq il-kuntratt t'appalt li kien jirrigwarda dan l-istabbiliment. Dan jikkonfermah ukoll fil-prospett esibit minnu.

Il-konvenut jikkonferma li l-ewwel xogħol ta' disinn, li huwa jsejħilhom *sketches*, saru fuq l-istabbiliment f'Tas-Sliema. Huwa jkompli jgħid li minkejja li kellu xi tilwim mal-attur dwar kemm dam sabiex tlesta x-xogħol f'Baystreet, ilmenti dwar il-kwalità tax-xogħol ma kellux. Fix-xhieda sussegwenti tiegħu huwa jżid jgħid li huwa ma kienx kuntent bis-servizz tal-attur fir-rigward tal-istabbiliment ta' Baystreet u li kien għalhekk illi avża lill-attur verbalment illi ma kienx ser iqabbdu għax-

xogħol fuq l-istabbiliment ta' Tas-Sliema. Huwa jgħid illi wara li spiċċaw ix-xogħlijiet fuq l-istabbiliment f'Baystreet lill-attur ma reġax kellmu. Il-konvenut ikkonferma li huwa ffirma ż-żewġ skritturi t'appalt in kwistjoni, iżda jgħid illi kien minghalih illi ż-żewġ skritturi kienu jirrigwardaw l-istabbiliment ta' Baystreet. Il-Qorti ma ssibx illi din il-verżjoni tal-konvenut hija verosimili in kwantu li l-iskrittura tgħid ċar u tond illi tirrigwarda l-istabbiliment f'Tas-Sliema. B'żieda ma dan, il-konvenut xehed illi qiegħed jippretendi li d-depożitu li tħallas fuq l-istabbiliment f'Tas-Sliema jitnaqqas mill-bilanċ dovut għax-xogħol li sar mill-attur fuq l-istabbiliment ta' Baystreet. Il-Qorti ssibha diffiċli temmen li tħallas depożitu fuq ix-xogħol li kellu jsir mill-attur f'dan l-istabbiliment meta l-konvenut allegatament kien minghalih li qiegħed jiffirma skrittura li tirrigwarda l-istabbiliment l-ieħor.

Il-perit tekniku jispjega li ma seta' jasal għall-ebda konklużjoni teknika għaliex meta aċċeda fl-istabbiliment f'Baystreet dan ma kienx għadu f'idejn il-konvenut filwaqt illi fir-rigward tal-istabbiliment f'Tas-Sliema, l-attur ma esibixxa l-ebda pjanta sabiex il-perit tekniku jkun jista' jqabbel id-disinn tal-post mal-pjanti li ħejja l-attur.

Għalhekk, huwa wasal għall-konklużjoni li fir-rigward tax-xogħlijiet eżegwiti mill-attur fl-istabbiliment f'Baystreet, l-attur jonqsu jitħallas il-bilanċ ta' LM1338 kif ukoll illi l-konvenut għandu jħallas l-ammont ta' Lm235.29 u ċioè għall-ħlas li l-attur jgħid illi għamel lill-ħaddiema direttament. Fir-rigward tax-xogħol fuq l-istabbiliment ġewwa f'Tas-Sliema, il-perit tekniku kkonkluda li ħlief għal xogħol preliminari, l-attur ma kienx involut fix-xogħol fuq dan l-istabbiliment. Għalhekk, il-perit tekniku jikkonkludi li għandha titħallas lill-attur is-somma ta' Lm280 u ċioè 10% tal-ammont msemmi fil-kuntratt t'appalt għal dak li jsejjaħlu '*abortive work*' minn liema ammont skont hu għandu jitnaqqas id-depożitu ta' Lm230.

Bir-dovut rispett lejn il-perit tekniku, il-Qorti tirrileva li l-ebda waħda minn dawn il-konklużjonijiet tiegħu ma huma konklużjonijiet tekniċi.

Minkejja li l-inkarigu tal-perit tekniku ġie estiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-udjenza tal-14 ta' Marzu 2006, sabiex huwa jagħti stima tax-xogħlijiet li għamel il-konvenut li m'humiex ta' natura strutturali u li saru taħt id-direzzjoni ta' terzi fl-stabbiliment f'Tas-Sliema, jirriżulta li fit-tieni relazzjoni tiegħu l-perit tekniku sempliċiment ikkonferma li l-istima għall-*interior design*, *finishing* u *outfitting* sottomessa mill-attur kienet tammonta għall-Lm95,289.27, illum €221,965.34, kif ukoll ikkonferma li l-ispejjeż li jgħid illi nefaq il-konvenut jammontaw għall LM23,331.48, illum €54,347.73, u dan wara li ġew sottomessi lilu stimi magħmula mill-attur u kopji tar-ricevuti ppreżentati mill-konvenut.

L-attur għamel talba għall-periti perizjuri, li gew mahtura minn din il-Qorti. Da parti tagħhom dawn ikkonkludew illi x-xogħlijiet li għamel il-konvenut fuq l-istabbiliment f'Tas-Sliema li m'humiex ta' natura

strutturali jammontaw għal €118,624.39, liema ammont jinkludi t-taxxa fuq il-valur miżjud ikkalkulata bir-rata ta’ 15% u ċioè r-rata li kienet applikabbli fiż-żmien illi ġie ffirmat il-kuntratt t’appalt.

Dwar il-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti għandha tagħti lir-rapport peritali, huwa minnu li skont l-artikolu 681 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-Qorti m’hijiex tenuta jew marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit (li bħal materjali istruttorji oħrajn huma kontrollabbli mill-ġudikant), kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha, ‘*Dan però ma tistax tagħmlu b’mod leġġer jew kapriċċjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta’ l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami*’ (Philip Grima vs Carmelo Mamo *et nomine*, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta’ Mejju 1998). Ġie wkoll sewwa ritenut illi ‘*f’ċirkostanzi bħal dawn ikun prużuntuż għall-ġudikant illi jiddipartixxi bla raġuni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss għax ma kellux il-mezzi għad-disposizzjoni tiegħu biex serenement jinoltra ruħu fl-aspetti tekniċi tal-meritu, imma wkoll għaliex neċessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza meħtieġa biex, b’ mod kritiku, jasal għal konvinċiment divers minn dak li jkunu waslu għalih l-esperti minnu nominati*’ (Benjamin Camilleri *nomine* vs Charles Debattista *nomine*, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta’ Frar 2001).

Il-Qorti, wara li ezaminat il-konklużjonijiet tal-periti perizjuri kif ukoll it-tweġibiet tagħhom għad-domandi in eskussjoni tal-konvenut, ma ssib l-ebda raġuni għalfejn dawn għandhom jiġu skartati u għaldaqstant, sejra tagħmel tagħha l-istess konklużjonijiet.

Fir-rigward tal-bilanċ dovut lill-attur fuq l-istabbiliment ta’ Baystreet, il-Qorti jirriżultalha li t-talba tal-attur sabiex jitħallas l-ammont ta’ Lm235.29, u ċioè għall-spejjeż li huwa jgħid li ħallas minn butu, m’għandhiex tiġi akkolta in kwantu li jibqa dejjem il-prinċipju li min jallega jrid jipprova u huwa ma ressaq l-ebda prova dwar x’kienu dawn l-ispejjeż.

L-istess għandu jingħad dwar l-eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens illi l-bilanċ dovut fuq dan il-kuntratt huwa inqas minn dak pretiż mill-attur. Il-konvenut naqas milli jressaq prova ta’ kemm ħallas lill-attur fuq dan il-kuntratt t’appalt u għaldaqstant, l-eċċezzjoni tiegħu f’dan is-sens qiegħda tiġi miċħuda, b’dan illi l-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni fil-kalkoli tagħha d-depożitu ta’ Lm962 mħallsa mill-konvenut għax-xogħol tal-attur fuq l-istabbiliment f’Baystreet.

Fir-rigward tal-kuntratt t’appalt li jirrigwarda l-istabbiliment f’Tas-Sliema, kif diġà ngħad jirriżulta li l-attur qiegħed jippretendi li jitħallas danni konsistenti fil-qligħ li kien ser jagħmel skont ma ġie miftiehem fil-kuntratt t’appalt li kieku ma ġiex itterminat mill-konvenut u mhux għall-

ispejjeż jew xogħol li laħaq għamel. Huwa jisspeċifika li t-talba tiegħu qiegħda ssir ai termini tal-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili li jaqra hekk:

> *"(1) Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda.*
>
> *(2) Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.*
>
> *(3) Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.*
>
> *(4) Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel mal-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun ta x-xogħol kull eċċess li jirriżulta.*
>
> *(5) Il-kuntratt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti."*

Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Peter Montebello et vs Grezzju Azzopardi et tad-29 ta' Settembru 2009:

> "*Illi l-liġi trid li min jagħti x-xogħol jista' jagħżel li jħoll il-kuntratt meta jrid, imqar jekk ix-xogħol ikun inbeda diġà. Din l-għażla jkollha effett minnufih malli jingħata avviż lill-appaltatur, ikun kif ikun imqar bil-fomm. Madankollu, f'każ bħal dan, tgħodd ħafna r-raġuni għaliex il-kommittent jagħmel għażla bħal din: jekk ikollu raġuni tajba biex itemm l-appalt, il-kommittent għandu xorta waħda jħallas lill-appaltatur somma li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li jkun nefaq l-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jitieħdu b'qies l-utilita' li dak ix-xogħol mitmum ikun għall-kommittent u d-danni li jkun ġarrab il-kommittent minħabba r-raġuni li għaliha jkun qatagħha li jtemm l-appalt. Jekk, min-naħa l-oħra, il-kommittent ma jkollux raġuni tajba għaliex ikun temm l-appalt, huwa jkun irid iħallas lill-appaltatur somma li ma taqbiżx l-ispejjeż kollha li dan ikun nefaq u l-valur tax-xogħol mogħti, flimkien ma' somma oħra meqjusa mill-Qorti bħala dik li ma tkunx ogħla minn kemm kien ikun il-qligħ tal-appaltatur mill-appalt li kieku tħalla jagħmlu kollu.*'
>
> ...
>
> *Illi huwa meqjus li dak li jikkostitwixxi raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf mill-kommittent qabel il-waqt jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. Tali nuqqas jista' jseħħ jew bl-għoti ta' xogħol ħażin u mhux skond is-sengħa; jew bl-għoti ta' xogħol li, għalkemm fih innifsu jkun sar tajjeb, ma jkunx dak li ġie mitlub jew miftiehem; jew bin-nuqqas*

> *ta' twettiq f'waqtu jew mogħti b'dewmien eżaġerat jew lil hinn miż-żmien miftiehem; jew inkella fejn, bix-xogħol mibdi, jkun jidher li qegħda ssir ħsara lill-ġid tal-istess kommittent.*"

Hekk ukoll, il-Qorti tal-Appell Kummerċjali fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Awissu 1992 fl-ismijiet Joseph Galea vs Alfred Cardona et qalet hekk dwar l-artikolu 1640:

> "*L-artikolu kwotat ma jistax verament iħalli lok għal dubbju, redatt kif inhu, b'mod speċjali bi frażi li ma hijiex użata fir-regolamentazzjoni tal-kuntratti bilaterali: "Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt ta' appalt". It-tieni nett għandu jiġi osservat illi din l-istess fakolta` mogħtija lill-kommittent, mhix estiża wkoll lill-appaltatur. Dan biex iħoll il-kuntratt irid jirrikorri għall-intervent dikjaratorju tal-Qorti. Għandu jiġi notat illi l-attur (kommittent) seta jwaqqaf lill-konvenut (appaltatur) meta jrid, u kwalunkwe motiv huwa biżżejjed. Meta l-motiv huwa sempliċiment espressjoni ta' volontà, allura l-appaltatur għandu d-dritt li jesiġi anke l-qligħ li kien seta' jagħmel kieku tħalla jkompli l-appalt, imma meta l-kommittent iħoll il-kuntratt minħabba inadempjenzi kontrattwali tal-appaltatur, allura, naturalment, il-konsegwenzi huma differenti. L-appaltatur għalhekk għandu d-dritt ta' azzjoni għall-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma għall-qligħ li jkun tilef, meta l-kommittent jittermina l-appalt sempliċiment in forza tal-fakolta` mogħtija lilu mill-artikolu 1640. Id-dritt għall-qligħ li seta' jagħmel ma jkunx intitolat għalih jekk il-kommittent jittermina l-appalt minħabba raġunijiet li jistgħu jiġu attribwiti lill-appaltatur.*"

Skont l-artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili allura, l-attur jista' jirnexxi f'din it-talba tiegħu biss jekk jirriżulta li l-konvenut ma kellux raġuni tajba għalfejn ittermina l-kuntratt t'appalt. F'dan il-każ, jirriżulta li l-konvenut qal biss illi huwa ma kienx kuntent bis-servizz tal-attur fir-rigward tax-xogħlijiet eżegwiti minnu fl-istabbiliment ġewwa Baystreet. Il-konvenut naqas milli jispjega din id-dikjarazzjoni f'aktar dettal u fil-fatt fl-ebda stadju ta' dawn il-proċeduri ma allega li kellu raġuni valida għalfejn ittermina l-appalt. Għaldaqstant, il-Qorti jirriżultalha li l-konvenut ittermina l-appalt mingħajr raġuni valida fil-liġi u li għalhekk japplikaw għal dan il-każ id-disposizzjonijiet tal-artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili.

Dwar id-danni li għandhom jiġu likwidati skont dan l-artikolu, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mekanika Limited vs Eurobyte Limited, deċiża fl-10 ta' Novembru 2010 qalet hekk:

> *"Illi jkun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li ladarba d-danni mitluba huma ta' sura kuntrattwali, l-għan tagħhom irid ikun dak li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba turi li batiet minħabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-oħra, u m'għandhomx ikunu għodda ta' kastig jew penali kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkażjoni għall-parti mġarrba li tistagħna bi ħsara tal-parti inadempjent. B'mod partikolari, min, minħabba ksur ta' rabta kuntrattwali li jkun daħal għaliha, jsir responsabbli għall-ħlas tad-danni lill-parti l-oħra jrid jagħmel*

*tajjeb għal kull dannu li raġonevolment jitqies konsegwenti direttament għal dak in-nuqqas, filwaqt li l-istess parti mġarrba għandha d-dmir li tieħu l-passi meħtieġa biex tnaqqas kemm jista' jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma tagħmlux agħar.*"

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Carmelo Attard vs Alfred Cini et tad-29 ta' Novembru 2013 speċifikat li f'dan il-każ:

"*is-somma meqjusa għandha tixxiebah u titqabbel mat-telf imġarrab mill-kuntrattur*."

Il-Qorti tal-Appell kompliet hekk:

"*Għalhekk, meta l-appaltant jagħżel li jtemm qabel waqtu kuntratt ta' appalt, irrispettivament min jekk kienx hemm żmien stabbilit fil-kuntratt ta' appalt jew le, l-unika konsiderazzjoni li temerġi hi jekk ir-raġuni li fuqha sejjes l-għażla tiegħu l-appaltant kienetx waħda tajba jew le biex iħoll il-kuntratt. Fejn il-liġi ssemmi "raġuni valida" wieħed irid jifhem din il-frażi fid-dawl tal-imġieba tal-appaltatur waqt l-eżekuzzjoni tal-appalt. Trid tkun raġuni li tolqot direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali tal-appaltatur mal-appaltant fis-sens tal-prestazzjoni tiegħu (jew nuqqas tagħha) taħt il-kuntratt ta' appalt.*"

Finalment, fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Alcasons & Company Ltd noe vs Tigne Development Company Ltd tat-28 ta' Lulju 2004 ingħad:

"*Illi l-kumpens li jkun dovut lill-appaltatur meta l-appaltant itemm bla raġuni tajba l-appalt jikkonsisti fil-ħlas tal-ispejjeż u l-prezz tax-xogħol li l-appaltatur ikun laħaq lesta qabel twaqqaf, flimkien ma' somma li titqies mill-Qorti. Din is-somma ma tkunx akbar mill-qligħ li l-appaltatur sata' għamel kieku tħalla jtemm ix-xogħol. Ta' min jgħid li l-liġi tuża l-kelma "qligħ" u mhux "dħul". Konsiderazzjoni oħra hija li s-somma meqjusa ma tistax taqbeż il-qligħ li sata' sar: fi kliem ieħor, dik is-somma mhux bilfors li tkun daqs dak il-qligħ. Dan iseħħ għaliex f'kull każ jista' jkun hemm ċirkostanzi partikolari li jwasslu għal tnaqqis tas-somma. Dan juri wkoll li, fil-qies tas-somma taħt din id-dispożizzjoni tal-liġi, jidħol element qawwi ta' diskrezzjoni f'idejn il-Qorti.*"

Applikati dawn il-prinċipji għal kawża tal-lum, il-Qorti hija tal-fehma li l-ammont dovut lill-attur skont l-artikolu 1640(2) imsemmi għandu jkun daqs il-qligħ li kien jagħmel kieku l-appalt ma ġiex terminat mill-konvenut unilateralment mingħajr l-ebda raġuni valida fil-liġi.

Sabiex jiġi stabbilit dan l-amont, il-Qorti tirriferi għall-konklużjonijiet tal-periti perizjuri minn fejn jirriżulta li 5% tax-xogħol kif stmat minnhom mingħajr it-taxxa fuq il-valur miżjud jammonta għall-€5931.22 ekwivalenti għal Lm2546.27. In kwantu li l-kuntratt t'appalt kien jipprovdi li l-attur kellu jitħallas 5% tax-xogħlijiet disinjati, pjanati jew sorveljati minnu jew is-somma ta' Lm2800, skont liem ikun l-għola, f'dan il-każ jirriżulta li kieku l-konvenut ma tteriminax l-appalt, l-attur

> kien ser jitħallas Lm2800, ekwivalenti għal €6522.25, minn liema ammont għandu jitnaqqas id-depożitu mħallas fuq dan il-kuntratt t'appalt u ċioè Lm230, llum €537.75.
>
> L-attur isostni li fuq l-ammont dovut lilu huwa għandu jitħallas ukoll it-taxxa fuq il-valur miżjud u dan bir-rata ta' 18% in kwantu li r-rata stabbilita għandha tkun dik viġenti fiż-żmien tal-likwidazzjoni, sabiex huwa jkun jista' joħroġ ricevuta fiskali. Filwaqt illi l-Qorti ssib illi l-attur għandu raġun dwar dan fir-rigward tal-bilanċ dovut fuq l-istabbiliment ta' Baystreet, l-ammont li qiegħed jiġi likwidat mill-Qorti fir-rigward tal-kuntratt t'appalt tal-istabbiliment f'Tas-Sliema huwa in linea ta' danni u mhux għas-servizzi reżi lill-konvenut u għaldaqstant, l-ebda taxxa fuq il-valur miżjud ma huwa dovut fuq dan l-ammont."

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnu premessi, talab lil din il-Qorti:

> "sabiex tirriforma s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Frar 2017 u dan billi tikkonfermaha in kwantu kkunsidrat illi l-esponenti ghad jonqos ihallas is-somma ta' €2853.11 fuq il-hanut ta' Bay Street, thassar il-kumplament tad-decizjoni u minflok taqta u tiddeciedi l-kawza billi tikkundanna l-esponenti biss is-somma ta' €2853.11."

6. Rat ir-risposta u l-appell inċidentali tal-attur li in forza tagħhom, għar-raġunijiet minnu premessi, talab lil din il-Qorti:

> "sabiex tirriforma u tibdel is-sentenza mogħtija nhar l-21 ta' Frar 2017, fl-ismijiet *Carmel sive Carlo Schembri, esercenti f'isem id-ditta Design Source International vs Mario Hammett,* Ċitazzjoni Numru 280/2002AF, u dan billi tikkonfermaha in kwantu laqgħet it-talbiet attriċi bil-modalitajiet hemmhekk ordnati, u ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, bl-ispejjeż kollha a karigu tal-konvenut, u tvarjaha biss fejn ordnat illi l-imgħaxijiet pagabbli mill-konvenut ikun dekorribbli mid-data tas-sentenza, u minflok tordna li tali imgħaxijiet ikunu dekorribbli b'effett mid-29 ta' Novembru 1999 jew mid-data ta' l-ittra uffiċjali ta' l-14 ta' Marzu 2000 jew mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni."

7. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi f'din il-kawża l-attur qed jitlob ħlas għas-servizzi minnu reżi ta' "*interior design u consultancy*" kif imqabbad mill-konvenut f'żewġ ambjenti, wieħed f'San Ġiljan u l-ieħor f'Tas-Sliema. L-ewwel inkarigu ġie esegwit u kompletat u peress li l-ftehim kien għall-ħlas minimu ta' Lm2,000 u l-konvenut kien għamel depożitu ta' Lm962, u peress illi l-attur jgħid li għamel spejjeż ta' Lm235.29, qed jitlob ħlas bilanċjali ta' Lm1,573.29, inkluż VAT. It-tieni nkarigu ma ġiex espletat peress illi wara li l-attur ħejja d-disinn, il-konvenut waqqfu milli jkompli bix-xogħol peress li jgħid li ma kienx kuntent bl-esekuzzjoni tal-appalt mill-attur fl-ewwel sit. L-attur qed jitlob li jiġi llikwidat il-ħlas tiegħu għal dan it-tieni appalt, meqjus li, skont hu, ma kienx hemm raġuni valida għat-terminazzjoni ta' dan l-appalt.

10. L-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi. Dwar l-ewwel appalt, wara li qalet li l-attur ma ppruvax l-ispejjeż li qal li għamel ta' Lm235.29, ikkundannat lill-konvenut iħallas €2,853.11 lill-attur. Dwar it-tieni appalt, wara li osservat li l-konvenut ma ppruvax li kien hemm raġuni valida għat-terminazzjoni tiegħu, ikkundannat lill-konvenut iħallas is-somma ta' €5,986.49. Għalhekk, il-konvenut ġie kkundannat iħallas b'kollox is-somma ta' €8,839.60, bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

11. Il-konvenut appella minn parti tas-sentenza, u ċioe`, mil-likwidazzjoni tad-danni relatat mat-tieni appalt u jgħid li għax-xogħol li laħaq wettaq l-attur, hu ħallsu bid-depożitu li għamel. Appella inċidentalment l-attur fejn talab li ssir reviżjoni fil-mod kif ġie deċiż li jinħadem l-imgħax.

12. Kif ingħad, il-konvenut aċċetta li għandu jħallas is-somma ta' €2,853.11 bħala ħlas għall-ewwel appalt, pero`, jgħid li m'għandu jħallas xejn aktar għax għat-tieni appalt l-attur ġie mħallas diġa`.

13. Fuq dan it-tieni appalt, din il-Qorti tirrileva li l-konvenut mhux qed jikkontesta li l-appalt ġie terminat mingħajr raġuni valida; fil-verita` l-konvenut ma ressaqx provi biex jipprova jiġġustifika l-allegazzjoni tiegħu li kellu raġunijiet validi biex jittermina dan l-appalt. Il-konvenut qed jilmenta dwar il-*quantum* tad-danni u jgħid li l-Ewwel Qorti tat lill-attur l-ammont miftiehem, meta, bħala fatt, l-attur ma wettaqx l-appalt, u dak li għandu jieħu għandu jkun ikkalkulat fuq il-qligħ u mhux fuq id-dħul.

14. Din il-Qorti tara li l-konvenut għandu raġun. L-Ewwel Qorti għamlet referenza u kkwotat mis-sentenza "Alcasons & Co Ltd v. Tigne Development Co Ltd", fejn jingħad li l-kumpens m'għandux ikun aktar mill-qligħ u mhux bilfors daqs il-qligħ. Osservat ukoll li l-kumpens irid

jinħadem fuq il-qligħ, kif tgħid il-liġi, u mhux fuq id-dħul. L-Ewwel Qorti, pero`, ħadmet fuq id-dħul patwit li kien minimu ta' Lm2,800. Mill-istima li ħejjew il-periti perizjuri jirriżulta li l-qligħ kien jkun ta' Lm2,546.27, somma li hi anqas mill-minimu patwit, iżda li toqrob lejn dak li tgħid il-liġi. B'hekk il-kumpens għal dan it-tieni appalt għandu jkun ta' €5,931.22 (Lm2,546.27) li minnha għandu jitnaqqas d-depożitu li sar ta' €537.75 (Lm230), li jġib total ta' €5,393.47.

15. B'hekk it-total ta' kumpens dovut lill-attur għaż-żewġ appalti jinżel għal €8,246.58.

16. Dwar l-appell inċidentali tal-attur, din il-Qorti tara li fuq l-ewwel appalt, il-kwistjoni kienet ben definita, u *trattandosi* ta' materja kummerċjali u li l-ħlas kellu jsir meta jitlesta x-xogħol, għandu raġun jgħid l-attur li, fuq is-somma kif aċċettata mill-Ewwel Qorti (€2,853.11), għandu jiddekorri imgħax skont il-ligi mid-29 ta' Novembru, 1999, data li fiha tlesta x-xogħol, sal-pagament effettiv.

17. Fir-rigward tat-tieni appalt, is-sitwazzjoni hija differenti. Peress li l-attur ġie mwaqqaf f'xogħlu, ma kienx hemm somma ċerta u definita x'titħallas, tant li l-attur talab somma *da liquidarsi* u, fil-każ, ma jkunx ġust li jibda jiddekorri imgħax minn xi data qabel l-għoti tas-sentenza ta' din il-Qorti, li varjat il-kumpens li ffissat l-Ewwel Qorti.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell prinċipali tal-konvenut u mill-appell inċidentali tal-attur billi tilqa' l-istess *in parte* u tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi tvarjaha fis-sens illi (i) dwar il-kumpens għall-ewwel appalt, tikkonferma l-ammont ta' elfejn, tmien mija u tlieta u ħamsin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€2,853.11), iżda bl-imgħax mid-29 ta' Novembru, 1999, u (ii) dwar il-kumpens għat-tieni appalt, tiffissah fis-somma ta' ħamest elef, tliet mija u tlieta u disgħin ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€5,393.47) (flok, €5,986.49 li ffissat l-Ewwel Qorti), u bl-imgħax mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu kwart ($^1/_4$) mill-attur, u tliet kwarti ($^3/_4$) mill-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr